MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1438/2004

**Michael Micallef Trigona**

**vs**

**Francis Carabott**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju, 2004 fejn intqal illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u erbgha u erbghin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm644.85) rapprezentanti hsara sofferti mill-attur fuq il-mutur tieghu tat-tip Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAN 458 konsegwenti ghal incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' April 2004 bejn il-mutur FAN 458 misjuq minn Beppe Micallef Trigona u karroza DBB 567 misjuqa mill-konvenut liema ncident sehh minhabba**

**traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regoli tat-traffiku mputabbli unikament lill-konvenut.**
**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-23 ta' Awissu, 2004 fejn intqal illi fil-meritu, r-responsabbilta' ghall-incident giet ammessa mill-konvenut u saret offerta miktuba fit-8 ta' April, 2004 lill-attur dwar likwidazzjoni tad-danni bazata fuq il-valur attwali tal-mutur danneggjat, izda l-offerta giet rifjutata. Il-konvenut ma jaccettax il-quantum tad-danni mitlubin.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Micallef Trigona, Joe Grech, Bartolomew Engerer, Mario Cumbo. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jitlob hsarat sofferti fil-mutur tieghu Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAN 458 bhala konsegwenza ta' ncident li sehh fl-1 ta' April 2004 bejn l-istess mutur u l-vettura DBB 567 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Il-konvenut ammetta r-responsabbilita' u fit-8 ta' April 2004 kien offra lill-attur li jsir il-pagament tad-danni a bazi tal-valur attwali tal-mutur.**

**3. Il-kontestazzjoni principali f'dan il-kaz kienet jekk dan il-mutur kienx tali li wiehed jista' jikklassifikah bhala mudell klassiku u allura ta' valur oghla.**

**4. Fir-rigward ix-xhud Mario Cumbo li kien surveyor ma' Rausi Insurance kkonferma li l-mutur kien on beyond economical repair. Kien mudell tas-sena 1992 u l-market value tieghu kien a bazi li jiswa bejn mitejn u hamsin u tlett mitt lira. Skond id-dokument Dok MC 1 li hu mehud mill-guide book dwar il-valur tal-vetturi.**

**5. Skond Joe Grech ex Chairman ta' l-Assocjazzjoni tal-Kumpaniji ta' l-Assikurazzjoni u li kien fuq il-kumitat meta kien inhareg il-guide book li ghalih saret referenza jirrizulta illi l-iskop principali ta' dan il-guide book kien ghal finijiet ta' underwriting u mhux ghal finijiet ta' claims, ghalkemm ma eskludiex illi jintuza ghal claims.**

**6. Tenut kont ta' dak li qal Joe Grech, it-Tribunal ma jistax iqis il-guide book bhal bazi certa ghal claim li ssir, izda ghandu jittiehed il-kaz partikolari, l-kundizzjoni tal-vettura, l-mudell partikolari, u kemm hu rikjest fuq is-suq tali mudell.**

**7. Mix-xhieda ta' Mario Cumbo ma jirrizultax illi l-mudell in kwistjoni kien dak li jista' jissejjah mudell klassiku ossija mudell ta' marka partikolari jew mudell li hu mfittex hafna. Li jirrizulta pero' huwa li l-mutur in kwistjoni kien mizmum f'kundizzjoni tajba hafna, dana kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess ta' Mario Cumbo kif ukoll mix-xhieda ta' l-attur. Jinghad ukoll illi l-mutur kien iggaraxxjat u dejjem intuzawlu parts originali.**

**8. Skond id-Dok MMT 2 li hi l-iskeda formanti parti mill-polza ta' assikurazzjoni l-mutur kien valutat mill-assigurat fl-ammont ta' tmien mitt lira (Lm800). Skond Bartolomew Engerer li kien jiehu hsieb il-mutur ta' l-attur hu jistma l-istess mutur fis-somma ta' tmien mitt lira (Lm800).**

**9. It-Tribunal in vista tad-diskrepanzi bejn dak li qed ighid is-surveyor Cumbo u dak li qed ighid l-attur, u tenut kont ta' dak li diga ntqal dwar il-kundizzjoni tal-mutur ihoss illi l-valur li ghandu jinghata lill-mutur ghandu fil-fatt ikun aktar minn tlett mitt lira (Lm300) u ghal dan il-ghan, arbitrio boni viri qed jalloka lill-mutur valur fl-ammont ta' hames mitt lira (Lm500).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata limitatament fl-ammont ta' hames mitt lira (Lm500) qed jilqa' l-istess talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira (Lm500). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------